# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 940/2017 AF**

**Emanuel Cauchi u Cauchi Transport Service Limited (C-19185)**

**v.**
**Kummissarju tat-Taxxi**

## PRELIMINARI:

1. Il-Kummissarju tat-Taxxi nnotifika lill-attur Emanuel Cauchi bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi Cauchi Transport Service Limited b' *Avviż ta' Talba għall-Ħlas ta' F.S.S. u Sigurta` Soċjali* fl-ammont kumplessiv ta' €127,213.66. L-atturi jsostnu li l-pretenzjoni tal-Kummissarju hija nfondata u għalhekk fit-13 ta' Ottubru 2017 intavolaw din il-kawża fejn *inter alia* talbu li l-effetti tal-imsemmi

avviż jiġu imħassra u rrevokati.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-20 ta' Jannar 2021 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi u ordnat li l-ispejjeż kellhom jitħallsu *in solidum* bejniethom.

3. L-atturi ħassewhom aggravati b'tali sentenza u għalhekk fid-9 ta' Frar 2021 interponew appell quddiem din il-Qorti fejn talbuha tħassar tali sentenza, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata.

> Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikors ġuramentat ta' Emanuel Cauchi u Cauchi Transport Services Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
> L-esponenti Emanuel Cauchi huwa direttur tal-kumpannija rikorrenti Cauchi Transport Service Limited (C-19185).
>
> Hekk kif jirrizulta mid-dokument mehmuz Dok. A l-esponenti Emanuel Cauchi bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Cauchi Transport Service Limited ircieva "Avviz ta' Nuqqas ta' Tharis Hlas tal-FSS u/jew Sigurtà Socjali fi zmien ghaxart ijiem (Default Notice)" datat 24 ta' Lulju 2017 fejn intalbet is-somma ta' €125,639.32.
>
> Aktar tard, fil-25 ta' Settembru 2017 inhareg "Avviz ta' Talba ghall-Hlas tal-FSS u/jew Sigurtà Socjali" (kopja mehmuza u mmarkata Dok. B) ghal ammont superjuri li din id-darba kien ta' €127,213.66.
>
> Fl-Avviz ta' Talba ghal Hlas fuq imsemmi, l-esponenti gew imwissija li jekk dan l-avviz ma jigix ikkuntestat f'Qorti tal-Gustizzja fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tan-notifika, ikun jikkostitwixxi titolu

ezekuttiv taht l-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hemm ragunijiet validi skond il-ligi illi ghalihom dan l-imsemmi l-Avviz ta' Talba ghall-Hlas ghandu jigi mhassar u ghalhekk ma jigix konvertit f'titolu ezekuttiv.

Qabel xejn l-esponenti isostnu illi parti sostanzjali mill-ammont pretiz ma hux dovut peress illi jinsab preskritt.

L-Avviz ta' Hlas fuq imsemmi ma jikkorrespondix mal-Avviz ta' Nuqqas ta' Tharis fuq riferit, la ghal dak li jirrigwarda snin u lanqas ammonti.

Kuntrarjament ghal dak stabbilit fl-Artikolu 23 (5) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-taxxa addizjonali murija fl-Avviz ta' Nuqqas fuq riferit teccedi s-somma ta' €1000 stipulata bil-ligi.

L-esponenti Emanuel Cauchi ma ghandux responsabilità ghal kwalunkwe allegati debiti mis-socjetà Cauchi Transport Service Limited ghaliex dejjem agixxa *in buona fide* u ma kellux qatt f'idejh jew taht il-kontroll tieghu flus tal-kumpannija fl-ammont pretiz u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ma hix qed issir jew tintalab dikjarazzjoni jew rimedju ta' vjolazzjoni ta' dritt fondamentali f'dan l-istadju ghaliex qed jigi ezercitat ir-rimedju ordinarju; izda qed issir id-debita riserva.

Dawn l-affarijiet l-esponenti jaf bihom personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-"Avviz ta' Talba ghall-Hlas tal-FSS u/jew Sigurtà Socjali" datat 25 ta' Settembru 2017 ma jikkrejax fil-konfront tal-esponenti titolu ezekuttiv.

2. Thassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponent, l-effetti kollha tal-avviz ta' talba ta' hlas mertu ta' din il-kawza.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti Emanuel Cauchi ma ghandux ebda responsabilità ghal xi pretensjoni ta' hlas ta' FSS u/jew Sigurtà Socjali mis-socjetà Cauchi Transport Service Limited kif pretiz mill-Kummissarju fil-korrispondenza msemmija.

4. Tiddikjara l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hekk kif dedotta fl-Avviz ta' Talba ghall-Hlas tal-FSS u/jew Sigurtà Socjali msemmija, bhala nfondata u r-rikorrenti dikjarati mhux debituri tal-intimat fis-somma pretiza.

Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi inkluz kull rimedju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Kummissarju tat-Taxxi.

U dana kollu taht dawk it-termini, il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni illi timponi fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi illi permezz taghha gie eccepit illi:

L-esponent minnufih itenni li c-cifra shiha ta' €127,213.66 imsemmija fl-Avviz ta' Talba ghall-Hlas (Dok. B mehmuz mar-rikors mahluf) li huwa maqsum bejn: (i) ammont ta' Final Settlement System (FSS) u taxxa addizzjonali taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14; u (ii) ammont ta' kontribuzzjoni ta' sigurtà socjali u kontribuzzjoni addizzjonali taht il-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta hija u ghadha dovuta mir-rikorrenti. Anzi ta' min jghid li t-taxxa addizzjonali fuq l-FSS u l-kontribuzzjoni addizzjonali fuq is-sigurtà socjali qeghdin jizdiedu kull xahar skond il-ligi.

Bi twegiba ghas-seba' paragrafu tar-rikors mahluf, hemm diskrepanza minuri bejn l-Avviz ta' Hlas u l-Avviz ta' Nuqqas ta' Tharis ghaliex bejniethom mid-data li nhargu lahqu ghaddew xahrejn u ghalhekk ir-rikorrenti wehlu taxxa u kontribuzzjoni addizzjonali. Biex wiehed ikun specifiku fil-kaz tal-FSS hemm taxxa addizzjonali ta' 1% fix-xahar fuq l-ammont ta' FSS li baqa' ma thallasx mir-rikorrenti u dan skond il-partita numru 5 tal-Iskeda C misjuba fil-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14. Filwaqt li fil-kaz tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà socjali hemm kontribuzzjoni addizzjonali ta' 1% kull xahar fuq il-kontribuzzjoni li ma baqghet mhux imhallsa u dan skond ma jipprovdi l-artikolu 116(1) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 23(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta msemmi mir-rikorrenti fit-tmien paragrafu tar-rikors mahluf dwar il-limitu ta' €1000 fuq it-taxxa addizzjonali ma jghoddx u ma japplikax ghall-kontribuzzjoni ta' sigurtà socjali u ghall-kontribuzzjoni addizzjonali dovut taht il-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex l-artikolu 23(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta jghodd biss fuq income taxxabbli.

Fil-kaz tal-lum l-artikolu 23(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma jolqot it-taxxa addizzjonali fuq l-FSS dovuta mir-rikorrenti taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14. Dan ghaliex il-Kummissarju intimat ma imponiex taxxa addizzjonali fuq ir-rikorrenti ta' aktar minn €1000 ghal kull nuqqas. Ic-cifra ta' €2545, li fl-Avviz ta' Talba ghall-Hlas tirrapprezenta t-taxxa addizzjonali fuq l-FSS, ma telghetx ghal dak l-ammont ghax kien hemm nuqqas wiehed. Bil-kontra t-taxxa

addizzjonali waslet ghal dik ic-cifra ghaliex ir-rikorrenti mis-sena 2006 sal-lum b'mod persistenti baqghu ma hallsux it-taxxa tal-FSS u ghalhekk tul dan il-perjodu ma kienx hemm nuqqas wiehed biss imma nuqqas kull xahar li l-ammont ta' FSS baqa' ma thallasx. Dan kollu skond il-partita numru 5 tal-Iskeda C misjuba fil-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14. Jigifieri mill-2006 sal-lum ir-rikorrenti wettqu aktar minn 200 nuqqas. Tassew dak li jipprojbixxi l-artikolu 23(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li l-pagatur tat-taxxa ma jehilx aktar minn €1000 ghal kull nuqqas jigifieri li l-pagatur ma jehilx iktar minn €1000 kull xahar. Fil-kaz taghna r-rikorrenti ma wehlux taxxa addizzjonali ta' aktar minn €1000 ghal nuqqas wiehed. Bil-kontra r-rikorrenti wehlu taxxa addizzjonali ta' €2545 skond l-Avviz ta' Talba minhabba li r-rikorrenti bejn l-2206 (*recte*:2006) u 2017 wettqu iktar minn 200 nuqqas. Ifisser dan li fil-kaz taghna ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 23(5) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahhar nett l-argumenti mressqa minn Emmanuel Cauchi li huwa dejjem agixxa b'rieda tajba u li huwa ma kellux kontroll fuq il-flejjes tal-kumpannija, mhumiex ragunijiet tajba biex huwa jahrab mill-obbligi legali mposti fuqu skond li l-ligi bhala ufficcjal principali tal-kumpannija Cauchi Transport Service Limited. Obbligi li jinkludu dak li jibghat il-hlas tal-FSS u talkontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali li jolqtu l-haddiema tieghu. Tassew in-nuqqas ta' Emanuel Cauchi li jibghat il-hlas tal-FSS u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali tindika jew misapproprijazzjoni ta' fondi jew inkella traskuragni jew inkompetenza ta' Emmanuel Cauchi fit-tmexxija tal-kumpannija. Haga jew ohra l-imgieba ta' Emmanuel Cauchi ma tistax titqies bhala wahda siewja msejsa fuq il-*bona fidi*.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti mharrka minn issa ghas-subizzjoni.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Emanuel Cauchi u Cauchi Transport Service Limited qed jittentaw ixejjnu l-effetti ta' Avviz ta' Talba ghall-Hlas ta' FSS u Sigurtà Socjali mahruga lil Emanuel Cauchi bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Cauchi

Transport Service Limited.

Jirrizulta illi Emanuel Cauchi u huh, illum mejjet Eugenio Cauchi, kienu diretturi originali ta' Cauchi Transport Service Limited. It-tnejn flimkien kienu registrati debitament bhala taxpayers skond il-ligi (Dok. NMX 13 a fol. 45). Ghal diversi snin is-socjetà naqset li thallas dak li kien minnha dovut ghas-snin mill-2006 sal-2016. L-ammont dovut ta' taxxa, taxxa addizzjonali, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali u kontribuzzjonijiet addizzjonali lahaq is-somma komplessiva ta' €127,213.66 li ntalbet minn Emanuel Cauchi permezz tal-avviz li qieghed jigi kontestat b'din il-procedura.

L-oggezzjonijiet ta' Emanuel Cauchi huma essenzjalment tlieta. Huwa jikkontendi illi l-ammont dovut ma giex mahdum skond il-ligi, illi huwa ma jistax jinzamm personalment responsabbli ghall-hlas u, wkoll illi uhud mill-ammonti mitluba huma fil-fatti preskritti.

Dwar il-mod kif giet kalkolata it-taxxa dovuta, Emanuel Cauchi ma ressaq ebda nuqqas gustifikat. Il-kalkoli esibiti in atti mir-rapprezentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi ma gew kontrastati b'ebda mod konvincenti, kif ma gie kontrastat b'ebda mod ukoll il-ftehim ghall-hlas li kien sar mis-socjetà fl-2009 u liema ftehim baqa' qatt ma gie onorat. Jirrizulta li mbaghad fl-2015 is-socjetà talbet ghar-revizjoni tal-ftehim però qatt ma resqet biex ghal laqgha b'dan il-ghan.

Il-Kummissarju ghat-Taxxi kkonferma li l-ammont komplessiv dovut jirrapprezenta somom ta' taxxa dovuta, taxxa addizzjonali u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali mizjuda b'kontribuzzjonijiet addizzjonali mahduma skond il-ligi fuq ammonti dovuti ghal snin twal. Wiehed jinnota illi t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali ikunu gew imnaqqsa mill-pagi tal-haddiema sabiex jigu mhallsa lill-awtoritajiet tat-taxxi.

Emanuel Cauchi jilmenta dwar l-imposizzjoni ta' taxxa addizjonali ta' €2545. Il-Qorti tinnota dwar dan illi din ic-cifra hija rizultat ta' ghexieren ta' nuqqasijiet bejn l-2006 u l-2016 u ghalhekk ma jirrizultax li gie miksur il-vot tal-ligi fl-Art. 23(5) tal-Kap. 372 li jimponi massimu ta' €1000 ghal kull nuqqas.

Finalment, il-Qorti taghraf ukoll li l-kalkoli kollha saru skond dikjarazzjonijiet tal-istess employers. F'dan il-kaz ma gie pprezentat ebda dokument li seta' b'xi mod jitfa' d-dubbju fuq id-dikjarazzjonijiet originali li fuqhom saru l-kalkoli mill-kummissarju tat-Taxxi.

Dwar ir-responsabilità personali ta' Emanuel Cauchi, li jilmenta li kollox kien immexxi minn huh u hu stess kien kompletament fil-ghama, il-Qorti tibda biex tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Antonio Busuttil vs Kummissarju tal-Pulizija deciza fit-13 ta' April 2018:

*"Fir-rigward, din il-Qorti tqis li bhala direttur tal-kumpannija fiz-zmien*

> *meta l-kumpannija naqset milli tosserva l-ligijiet fiskali, r-rikorrent ma jistax jakkampa fuq id-difiza li ma kienx jaf bin-nuqqasijiet tal-kumpannija. Anke jekk dan kien il-kaz, id-diretturi qatt ma jistghu jinhelsu mir-responsabbilitajiet li tghabbi l-ligi fuqhom."*

Ukoll fil-kawza Dottor Andrew Borg Cardona noe vs Victor Zammit et deciza fl-14 ta' Mejju 2010:

> *"Id-diretturi ma jistghux jaharbu mir-responsabbilità taghhom billi jghidu li huma ma kienux jafu x'kienet il-vera sitwazzjoni tal-kumpannija li ma jifhmux jew li huma joqoghdu fuq dak li jghidulhom il-konsulenti mqabbda minnhom. … Direttur anke jekk non executive jew minoritarju ghandu l-istess responsabbilità bhad-diretturi l-ohra u ghandu l-obbligu li jkun jaf u jimpenja ruhu li jwettaq id-doveri imposti fuqu mill-ligi."*

Emanuel Cauchi stess jammetti:

> *"Jien u hija registrati bhala employers"*

u

> *"Jien naf illi kellha tithallas il-bolla u t-taxxa imma dawn kienu l-affarijiet li jiehu hsieb hija."*

Emanuel Cauchi kien imissu agixxa meta huh ma kienx ihallih jersaq lejn l-ufficcju. Kien jaf li huh kellu l-vizzju tal-loghob u tax-xorb. Issa m'ghandu jlum lil hadd hlief il-passività tieghu stess.

Finalment, ir-rikorrenti jissollevaw il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Huwa ritenut minn dawn il-Qrati illi:

> *"Huwa, anzi, imperattiv li eccezzjoni tal-preskrizzjoni tkun akkumpanjata bl-artikolu rilevanti tal-preskrizzjoni, u jekk dan ikun zbaljat jew sahansitra nieqes ghal kollox, l-eccezzjoni relattiva ghandha tigi michuda."*

Ebda artikolu tal-ligi ma gie invokat mir-rikorrenti fil-kuntest. Lanqas ma saret ebda referenza ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet. Ghalhekk din is-sottomissjoni tar-rikorrenti qeghda tigi michuda.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha ta' Emanuel Cauchi u Cauchi Transport Services Limited ghaliex mhux misthoqqa.

L-ispejjez jithallsu kollha minn Emanuel Cauchi u Cauchi Transport Services Limited *in solidum* bejniethom.

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-atturi (09.02.2021):</u>**

5. L-aggravji tal-atturi appellanti, in suċċint, huma s-segwenti:

**(i) <u>Il-Preskrizzjoni:</u>**

Fl-ewwel lok isostnu li qegħdin isejsu l-preskrizzjoni fuq l-Artikolu 47(2) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta, li dwaru qegħdin iressqu wkoll nota kontestwalment mal-appell.

**(ii) <u>Il-*buona fede* ta' Emanuel Cauchi:</u>**

Fit-tieni lok jissottomettu li din il-Qorti tal-Appell għandha tiżen il-kumpless kollu tal-provi u tarah anke mil-lat uman tiegħu biex tgħarbel iċ-ċirkostanzi kollha li sab ruħu fihom l-appellant u li bl-ebda mod ma ġew kontradetti f'xi ħin.

**(iii) <u>L-applikazzjoni tal-Art. 23(5) tal-Kap. 372:</u>**

Fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suespost, isostnu li l-konvenut appellat kellu jiġġustifika għaliex qed tintalab somma tant kbira bħala taxxa addizzjonali.

**(iv) <u>L-ispejjeż:</u>**

Finalment jgħidu li għar-raġunjijiet suesposti, iħossu li m'għandhomx jiġu akkollati l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-Kummissarju tat-Taxxi (19.02.2021):</u>**

6. Il-Kummissarju tat-Taxxi wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrihom.

**<u>KWADRU TAL-FATTI:</u>**

7. Fl-<u>1995</u> twaqqfet is-soċjetà attriċi Cauchi Transport Service Ltd, li tipprovdi servizzi ta' burdnara. Id-diretturi oriġinali kienu l-attur Emanuel Cauchi u ħuh Eugenio Cauchi. Eugenio Cauchi miet fis-16 ta' Marzu 2017 u llum l-uniku direttur huwa l-attur Emanuel Cauchi.[1]

8. F'<u>Jannar 1996</u>[2] is-soċjetà attriċi applikat sabiex tirreġistra ruħha bħala "*private employer*" mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Fuq tali "*APPLICATION FOR THE REGISTRATION OF PRIVATE EMPLOYER (PE NO) BY A COMPANY OF ANY OTHER BODY OF PERSONS"* ġew indikati Emanuel Cauchi u Eugenio Cauchi bħala d-diretturi tagħha. L-applikazzjoni jidher li saret personalment minn Eugenio Cauchi (indikat

---

[1] Ara affidavit tal-attur Emanuel Cauchi (fol 19 et seq)
[2] Il-jum mhux ċar mill-kopja ppreżentata **Dok NMX13** (fol 45)

bħala *managing director*) u ffirmata minnu.[3]

9. Tul is-snin is-soċjetà attriċi ppreżentat id-dokumenti obbligatorji tal-*Final Settlement System* (F.S.S.) lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (illum l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi). F' dawn id-dokumenti s-soċjetà attriċi tkun tat rendikont tal-ammont li tkun naqqset, sena wara l-oħra, mill-pagi tal-ħaddiema tagħha matul is-sena, kemm bħala taxxa, kif ukoll bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali. Tali ammonti hekk imnaqqsa u dikjarati minnha kellhom jiġu debitament imħallsa minnha lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

10. Mis-sena 2006 is-soċjetà attriċi bdiet tonqos milli tħallas l-ammonti dikjarati minnha u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni għal diversi drabi talab lis-soċjetà attriċi u lid-diretturi tagħha biex tħallas l-ammont dovut, li dejjem baqa' jakkumula tul is-snin. L-ittri/avviżi tul is-snin kienu indirizzati hekk:

- *Mr Eugenio Cauchi, Cauchi Transport Service Ltd* (03.07.2006[4]);

- *Emanuel Cauchi JNR personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cauchi Transport Service Ltd* (19.10.2009[5]);

---

[3] Dan skont **Note 1** fuq l-istess applikazzjoni li taqra hekk:

"*This application must be made personally by any of the following:*
*(a) The Managing Director in the case of a company*
*(b) The Principal Partner in case of a Partnership*
*(c) The Principal Officer in the case of any other body of persons*

[4] **Dok NMX12** (fol 44)

[5] **Dok NMX11** (fol 43)

- *Id-Direttur, Cauchi Transport Service Ltd* (07.12.2011[6], 15.02.2012[7]);

- *Cauchi Transport Service Ltd* (18.01.2013[8]);

- *Eugenio Cauchi personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cauchi Transport Service Limited* (17.06.2015[9], 17.07.2015[10]);

- *Emmanuel Cauchi bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cauchi Transport Service Ltd* (24.07.2017[11], 25.07.2017[12]).

11. Għalkemm fit-3 ta' Diċembru 2009 kien sar ftehim[13] bejn id-Dipartiment tat-Taxxi u Eugenio Cauchi f'ismu personali u bħala direttur f'isem is-soċjetà attriċi sabiex id-dejn jitħallas bin-nifs f' pagamenti ta' €1500 fix-xahar, dan baqa' ma ġiex onorat.

*12.* U għalkemm fil-25 ta' Ġunju 2015[14] "*Gino Cauchi, Director*" bagħat ittra lid-dipartiment tat-Taxxi Interni fejn informaha li s-soċjetà attriċi riedet tirregola d-dejn pendenti "*in a scheduled instalment programme, including interests*" u talabha "*the necessary time and assistance to regulate our position*", dan il-ftehim ulterjuri baqa' ma sarx.

13. Sal-24 ta' Lulju 2017 l-ammont komplessiv ta' taxxa u taxxa

[6] **Dok NMX9** (fol 41)
[7] **Dok NMX8** (fol 40
[8] **Dok NMX7** (fol 39)
[9] **Dok NMX6** (fol 38)
[10] **Dok NMX4** (fol 36)
[11] **Dok A** (fol 4)
[12] **Dok B** (fol 5)
[13] **Dok NMX10** (fol 42)
[14] **Dok NMX5** (fol 37)

addizzjonali relattiva, kif ukoll ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxa addizzjonali relattiva, laħħaq l-ammont ta' €125,639.21. F' dan ir-rigward il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat lil "*Emmanuel Cauchi bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cauchi Transport Service Limited*" Avviż ta' Nuqqas ta' Tħaris, Ħlas tal-FSS u/jew Sigurta` Soċjali fi żmien għaxart ijiem (*default notice*)[15].

14. Sal-25 ta' Settembru 2017 l-ammont komplessiv ta' taxxa u taxxa addizzjonali relattiva, kif ukoll ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxa addizzjonali relattiva, laħħaq l-ammont ta' €127,213.66, liema somma intalbet mill-Kummissarju tat-Taxxi mingħand "*Emmanuel Cauchi bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cauchi Transport Service Limited*" permezz tal-Avviż ta' Talba għall-Ħlas tal-F.S.S. u/jew Sigurta` Soċjali *(demand notice)*[16].

15. Dan l-Avviż ta' Talba għall-ħlas ta' F.S.S. u/jew Sigurta` Soċjali, li qiegħed jiġi kkontestat permezz ta' din il-proċedura, jaqra hekk:

[15] **Dok A** (fol 4)
[16] **Dok B** (fol 5)

-1/9/2017 5

DOK. B

E-mail : taxpayerservice.ird@gov.mt
Tel : 153
Web : www.ird.gov.mt
Referenza : 702501 (991889005 - C 19185 )
Taxpayer Service : Blk 5, Collection Section, Floriana

Data : 25 ta' Settembru 2017

EMMANUEL CAUCHI BHALA DIRETTUR
GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA'
CAUCHI TRANSPORT SERVICE LIMITED
17 CAUBRO
TRIQ MONSINJUR DE PIRO
HAMRUN HMR 10
MALTA

*00043345430007379*

## AVVIŻ TA' TALBA GĦALL-ĦLAS TAL-F.S.S. U/JEW SIGURTÀ SOĊJALI

Navżak li int inqast milli tibgħat il-ħlas dovut tat-taxxa tal-FSS u/jew ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mnaqqsa mill-pagi tal-ħaddiema tiegħek kif muri hawn taħt, u skont kif ġejt avżat permezz tal-Avviż ta' Nuqqas ta' Tħaris diġà mibgħut lilek. Dawn l-ammonti huma suġġetti għall- penali skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat- Taxxa (Kap. 372) u l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318).

| Sena | Taxxa ta' l-FSS/€ | Taxxa Addizzjonali/€ | Sigurta' Soċjali/ € | Taxxa Addizzjonali/€ | Total/€ | FS7/FS3s mibgħuta |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2005 | 0 | 0 | -00.03 | 0 | -00.03 | ✓ |
| 2006 | 1,989 | 2,545 | 4,195.20 | 5,369.60 | 14,098.80 | ✓ |
| 2007 | 0 | 0 | 00.01 | 0 | 00.01 | ✓ |
| 2008 | 0 | 0 | 6,721.36 | 6,989.84 | 13,711.20 | ✓ |
| 2009 | 0 | 0 | 7,969.60 | 7,332.40 | 15,302.00 | ✓ |
| 2010 | 0 | 0 | 8,955.24 | 7,164.00 | 16,119.24 | ✓ |
| 2011 | 0 | 0 | 9,394.20 | 6,387.92 | 15,782.12 | ✓ |
| 2012 | 0 | 0 | 8,758.74 | 4,905.04 | 13,663.78 | ✓ |
| 2013 | 0 | 0 | 6,747.52 | 2,969.12 | 9,716.64 | ✓ |
| 2014 | 0 | 0 | 6,893.12 | 2,205.76 | 9,098.88 | ✓ |
| 2015 | 0 | 0 | 10,144.30 | 2,028.80 | 12,173.10 | ✓ |
| 2016 | 0 | 0 | 6,988.80 | 559.12 | 7,547.92 | ✓ |
| **Total** | **1,989** | **2,545** | **76,768.06** | **45,911.60** | **127,213.66** | |

Għalhekk int għandek tħallas l-ammont ta' €127,213.66 strettament fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' dan l-avviż b'ċekk indirizzat lill-Kummissarju tat-Taxxi flimkien mal-formola FS5.

Marvin Gaerty,
Kummissarju tat-Taxxi

Avviż ta' Talba għall-Ħlas: - Dan l-Avviż qed jinħariġlek skont ir-regola 24 tar-regoli dwar il-Final Settlement System (A.L. 88 ta' l-1998) taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372). Jekk dan l- avviż ma jiġix ikkuntestat f'Qorti tal-Ġustizzja fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika, ikun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv taħt l-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap. 372.

Rigward il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali: - Dawn l-ammonti huma kontribuzzjonijiet dovuti minnek flimkien ma' penali imposti skont l-Artikolu 116(1) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318). Jekk dawn il-kontribuzzjonijiet u l-penali jibqgħu ma jitħallsux minnek kif stipulat fil-liġi, se tintbagħatlek ittra uffiċjali (ittra bl-avukat) skont l-Artikolu 116(2) tal- istess Att li tkun tista' tiġi kkuntestata biss f' Qorti tal- Ġustizzja fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun notifikat biha. Fin-nuqqas, it Talba dwar il-Ħlas kif tidher fl-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont il-liġi.

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>**:

*il-preskrizzjoni*

16. Fir-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi ppremettew li parti sostanzjali mill-ammont pretiż mhix dovuta għaliex tinsab preskritta. L-Ewwel Qorti fakkret li kif huwa ritenut mill-Qrati tagħna, l-invokazzjoni tal-preskrizzjoni trid tkun akkompanjata bl-artikolu rilevanti. Qieset li l-atturi m'aċċennawx għall-ebda artikolu tal-liġi f'dan ir-rigward, la fir-rikors ġuramentat u lanqas fin-nota tas-sottomissjonijiet. Għalhekk ċaħdet tali difiża.

17. F' dan l-istadju tal-appell l-atturi rrilevaw li l-artikolu li fuqu qegħdin isejsu l-preskrizzjoni huwa l-Artikolu 47(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta; fil-fatt ressqu ukoll nota fir-rigward, kontestwalment mal-appell. L-Artikolu 47 jaqra hekk:

> *(1) It-taxxa tista' ssir kawża dwarha u tinġabar, skont il-każ, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) wkoll fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, mill-Kummissarju fil-kwalità uffiċjali tiegħu, bl-ispejjeż kollha tal-kawża, mingħand il-persuna mressqa għal hekk, mingħand il-persuna li għandha tħallasha jew mingħand il-persuna responsabbli għat-tnaqqis tagħha bħala dejn.*
>
> *(2) Salv kif xort'oħra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b'mod partikolari d-disposizzjonijiet tal-artikolu 30(5) u tal-artikolu 31(7), l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew xi penali tista' tinbeda f'kull żmien mid-data minn meta jsiru dovuti u għandhom jitħallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklużiva.*
>
> *(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'talba għal ħlas*

*notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas tal-ammont dovut.*

*(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittieħdet fiż-żmien hemm stipulat, u dak iż-żmien jiskadi fil-31 ta' Diċembru, 2003 jew qabel dik id-data, għaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni għall-ħlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, mgħax jew penali tista' tittieħed sal-31 ta' Diċembru, 2005.*

18. Qabel xejn jiġi mfakkar li s-somma sħiħa li qiegħda tintalab mill-Kummissarju tat-Taxxi tikkonsisti f'taxxa tal-FSS (€1,989) u taxxa addizjonali relattiva (€2,545) taħt il-<u>Kap 372</u> (Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa) kif ukoll f'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (€76,768.06) u taxxa addizzjonali relattiva (€45,911.60) taħt il-<u>Kap 318</u> (Att Dwar is-Sigurta` Soċjali). Għalhekk kif jgħid tajjeb il-Kummissarju tat-Taxxi fir-risposta tal-appell tiegħu, id-difiża tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 47(2) tal-Kap 372 żgur li ma tistax tapplika fir-rigward tal-ammont ta' €122,679.66 (€76,768.06 + €45,911.60) li qed tintalab taħt il-Kap 318.

19. Issa l-Kummissarju tat-Taxxi jargumenta li dan l-Artikolu 47(2) tal-Kap 372 lanqas ma japplika għall-ammont ta' €4,534 mitlub taħt il-Kap 372. Jgħid li dan l-Artikolu 47(2) kien jgħodd li kieku huwa ried jiġbor it-taxxa pura li titħallas mis-soċjetà attriċi. Jenfasizza li l-FSS u t-taxxa addizzjonali fuq il-FSS li trid tinġabar minnu ma tolqotx it-taxxa tas-soċjetà attriċi iżda t-taxxa ta' terzi li mhumiex parti fil-kawża u li għalhekk l-atturi appellanti ma jistgħux jinqdew b' dan l-Artikolu 47(2) tal-Kap 372 biex ma jħallsux flejjes li huma ġabru f'ismu u li qed iżommu b'mod

indebitu.

20. Din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 47(1) ma jsemmix biss *"il-persuna li għandha tħallasha"* (it-taxxa) *iżda wkoll "il-persuna responsabbli għat-tnaqqis tagħha bħala dejn"* u l-Artikolu 47(2) ovvjament jorbot mal-Artikolu 47(1). Madanakollu huwa dubjuż kemm il-preskrizzjoni ta' tmien snin kontemplata fl-Artikolu 47(2) tapplika fir-rigward tal-proċedura kkontemplata fir-Regola 24 tar-Regola dwar il-*Final Settlement System* fejn il-pagatur jiġi notifikat b'Avviż ta' Nuqqas ta' Tħaris (*Default Notice*) u jekk dan ma jiġix ikkontestat b'ittra lill-Kummissarju tat-Taxxi fi żmien għaxart ijiem, jiġi mbagħad notifikat b' Avviż ta' talba għall-ħlas (*Demand Notice*) li jekk ma jiġix ikkuntestat f'Qorti tal-Ġustizzja fi żmien ħmistax-il jum min-notifika jkun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv taħt l-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap 372.

21. Fi kwalunkwe każ, anke kieku kellu jitqies li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tmien snin ikkontemplata fl-Artikolu 47(2), xorta jiġi li l-preskrizzjoni ġiet miksura stante li jirriżulta li kien hemm ammissjoni tad-dejn. Kif ifakkar il-Kummissarju tat-Taxxi, hemm il-ftehim li sar fit-3 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu Eugenio Cauchi f' ismu personali u bħala direttur f'isem is-soċjetà attriċi kkonferma u ammetta l-ammont li kien laħaq akkumula sa tali żmien (kemm f'taxxa kif ukoll fuq kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u t-taxxa addizzjonali relattiva

għalihom). Minn tali data tat-3 ta' Diċembru 2009 sal-24 ta' Lulju 2017 (meta l-Kummissarju tat-Taxxi bagħat l-Avviż ta' Nuqqas ta' Tħaris) u sal-25 ta' Settembru 2017 (meta l-Kummissarju tat-Taxxi bagħat l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas mertu ta' din il-kawża) m'għaddewx tmien snin.

22. Għalkemm l-Artikolu 47(3) jipprovdi li ż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'talba għal ħlas notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas tal-ammont dovut, *multo magis* li jinkiser b'ammissjoni tad-dejn dovut da parti tal-pagatur innifsu.

23. U kif jgħid tajjeb ukoll bil-Kummissarju tat-Taxxi, fid-dawl ta' dak li jgħid l-Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili[17], l-aċċettazzjoni ta' dak li kien dovut sat-3 ta' Diċembru 2009 da parti tas-soċjetà attriċi, bl-obbligazzjonijiet li jsegwu warajha, <u>jestendu wkoll għall-attur Emanuel Cauchi</u>, li bil-liġi bħala pagatur u uffiċjal prinċipali tal-kumpanija Cauchi Transport Service Ltd, skont ir-regoli 29[18] u 30[19] tar-*Regoli dwar il-Final Settlement System*

---

[17] *"1100. L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri in solidum, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom"*

[18] *"29. Meta żewġ persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew imposti fuqhom solidalment."*

[19] *"30. Il-manager, uffiċjal prinċipali ieħor jew stralċjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli għal kull ħaġa li tkun meħtieġa li ssir taħt dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni."*

*(FSS) (L.S. 372.14)* huwa responsabbli għal kull obbligazzjoni li jkollha l-kumpanija.

24. Minn dan kollu jsegwi li l-ebda parti mill-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz tal-Avviż mertu ta' din il-kawża, ma jirriżultax li hija preskritta.

**<u>It-tieni aggravju:</u>**

*Il-buona fede ta' Emanuel Cauchi*

25. Fir-rikors ġuramentat ġie premess li l-attur Emanuel Cauchi (personalment) mhux responsabbli għal kwalunkwe debiti tas-soċjetà attriċi peress li dejjem aġixxa *in buona fede* u qatt ma kellu f'idejh jew taħt il-kontroll tiegħu flus tas-soċjetà fl-ammont pretiż.

26. L-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward qieset li huwa nsenjat mill-Qrati tagħna li d-diretturi ta' kumpanija ma jistgħux jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom billi jgħidu li ma kinux jafu x'kienet is-sitwazzjoni tal-kumpanija, jew li ma kinux jafu bin-nuqqasijiet tagħha; qieset ukoll li l-attur xehed li kien jaf li kellha titħallas it-taxxa u l-bolla. Hija kkunsidrat li l-attur Emanuel Cauchi kien jaf li ħuh id-direttur l-ieħor kellu vizzju tal-logħob u x-xorb, u qieset li jekk dan tal-aħħar ma kienx iħallih jersaq lejn l-uffiċċju m'għandu lil ħadd lil minn illum ħlief il-passivita` tiegħu stess.

27. F'dan it-tieni aggravju l-atturi jerġgħu itennu dak li qalu quddiem l-Ewwel Qorti: li Emanuel Cauchi personalment m'għandux iwieġeb għall-ħlasijiet mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għaliex huwa dejjem aġixxa b'rieda tajba u li għalkemm kien imur kuljum għax-xogħol qatt ma kellu f' idejh jew taħt il-kontroll tiegħu it-tmexxija tas-soċjetà attriċi. L-atturi appellanti iċċitaw estensivament mix-xiehda tal-attur Emanuel Cauchi, Claude Costa (lil kien skrivan mas-soċjetà attriċi), Angelo Catania (li kien jgħin fl-uffiċċju tas-soċjetà attriċi) sabiex juru kemm Emanuel Cauchi ma kellu l-ebda parti attiva fl-amministrazzjoni tal-kumpanija u li lanqas ma kellu aċċess għall-korrispondenza u d-dokumenti tagħha. Jirreferu wkoll għax-xiehda ta' Emanuel Mangion (Manager Revenue Collector mal-Kummissarju tat-Taxxi) minn fejn jirriżulta li kien jikkomunika biss ma' Eugenio Cauchi.

28. L-atturi appellanti jenfasizzaw kemm Eugenio Cauchi ma kien juri b'xejn lill-Emanuel Cauchi u li kien jittrattah ħażin u mħolli barra minn kollox u li żamm il-kwiet għall-ġid tal-familja bil-konsegwenza li issa jinsab f' "*baħar ta' inkwiet*". (Fil-fatt Emanuel Cauchi stess xehed li "*Jiena qatt ma mexxejt kontra ħija minkejja il-pariri li kienu tawni mimnħabba rispett familjar*i"). Minkejja din is-sitwazzjoni infeliċi li jidher li kienet teżisti bejn l-aħwa Cauchi dan bl-ebda mod ma jiskansa lil Emanuel Cauchi mir-responsabbiltà għall-ħlas tal-ammont dovut mis-soċjetà attriċi lill-

Kummissarju tat-Taxxi mertu tal-Avviż in kwistjoni, liema responsabbiltà temerġi mis-segwenti provvedimenti tal-liġi:

Art. 123 tal-Kap 318 (Att dwar is-Sigurta` Soċjali)
*123.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi att, affarijiet jew ħaġa oħra lihuma meħtieġa li jsiru jew li m'għandhomx isiru skont jew taħt dan l-Att għandhom isiru jew m'għandhomx isiru minn korp jew għaqda oħra ta' persuni, dak l-att, affarijiet jew ħaġa jkunu wkoll meħtieġa li jsiru jew li ma jsirux personalment mill-manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp jew dik l-għaqda; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għandhom japplikaw f'dan is-sens.*

*(2) Meta fl-applikazzjoni tas-subartikolu (1) jkollu jsir xi ħlas minn korp jew għaqda ta' persuni u mill-manager jew uffiċjal prinċipali ieħor tagħha, dak l-obbligu jkun in solidum.*

u

Regolamenti 29 u 30 tal-L.S. 372.14 tar-Regoli dwar Final Settlement System (FSS).

*29. Meta żewġ persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew imposti fuqhom solidalment.*

*30. Il-manager, uffiċjal prinċipali ieħor jew stralċjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli għal kull ħaġa li tkun meħtieġa li ssir taħt dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni.*

29. L-attur Emanuel Cauchi, li kien jaf bl-obbligi fiskali tas-soċjetà attriċi, ma jistax jistaħba wara l-iskuża li ma kienx jaf b'dak li kien qed jiġri fil-kumpanija, jew li kien iħalli f'idejn ħuh, iktar u iktar meta huwa stess xehed li ħuh kellu l-vizzju tal-logħob u tax-xorb. Bħala direttur kellu jsegwi x'inhu jiġri u jieħu interess fit-tmexxija tal-kumpannija inkluż li jassigura li l-obbligi fiskali tagħha qegħdin jiġu osservati, u jekk ħuh ma kienx qed jippermettilu li jagħmel dan, kellu jirrikorri għall-mezzi legali a

dispożizzjoni tiegħu. Kif jargumenta l-Kummissarju tat-Taxxi, persuna li timxi *in buona fede* hija persuna li timxi skont il-liġi u tassigura ruħha li jekk għandha obbligazzjoni jew responsabbiltà din tkun qiegħda tiġi osservata.

30. Ikkunsidrat dan kollu, dan l-aggravju jirriżulta wkoll infondat.

**<u>It-tielet aggravju:</u>**

*l-Artikolu 23(5) tal-Kap 372*

31. Fir-rikors ġuramentat tal-atturi ġie premess ukoll li kuntrarjament għal dak stabbilit fl-Artikolu 23(5) tal-Kap 372, it-taxxa addizzjonali murija fl-Avviż ta' Nuqqas (*Default Notice*) tal-24 ta' Lulju 2017 teċċedi s-somma ta' €1000 stipulata bil-liġi. Dan is-subinċiż jaqra hekk:

> *"(5) Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li persuna tkun naqset kontra d-disposizzjonijiet ta' xi regoli msemmija taħt dan l-artikolu huwa jista' f'kull żmien jinnotifika avviż ta' nuqqas lil dik il-persuna kif preskritt li fih juri x'inhi t-taxxa li kellha titnaqqas jew tingħata lura flimkien mal-imgħax u kull imgħax u taxxa addizzjonali hekk imposta kif imsemmi qabel, b'dan illi dik it-taxxa addizzjonali ma tkunx teċċedi s-somma ta' elf euro (€1000) għal kull nuqqas; u t-taxxa addizzjonali hekk imposta għandha tinkombi fuq dik il-persuna li għaliha japplika s-subartikolu (4) u din ma tkunx tista' tittieħed lura minn dik il-persuna kollha kemm hi jew f'parti minnha mingħand il-persuna li tkun qed tirċievi l-income."*

32. L-Ewwel Qorti qieset li l-ilment tal-atturi f'dan ir-rigward jirreferi għat-taxxa addizzjonali ta' €2,545 (fuq l-ammont ta' €1,989 bħala FSS.) Hija kienet korretta li tgħid hekk għaliex l-Artikolu 23 jgħodd biss għat-taxxa fuq id-dħul li titnaqqas mill-pagi tal-impjegati u ma jgħoddx għall-

kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali taħt il-Kap 318. Qieset ukoll li din iċ-ċifra ta' €2,545 hija riżultat ta' għexieren ta' nuqqasijiet bejn l-2006 u l-2016. Għalhekk irriteniet li ma kienx ġie miksur il-vot tal-liġi fl-Artikolu 23(5) li jimponi massimu ta' €1000 għal kull nuqqas. (Qieset ukoll li l-kalkoli saru kollha skont id-dikjarazzjonijiet oriġinali tal-*employer* u li ma ġie pprezentat ebda dokument li seta' jitfa' dubju fuq id-dikjarazzjonijiet oriġinali li fuqhom saru l-kalkoli mill-Kummissarju tat-Taxxi.)

33. Fit-tielet aggravju tagħhom l-atturi appellanti b'referenza għall-Artikolu 23(5) tal-Kap 273 jerġgħu jsostnu li kien jinkombi fuq il-Kummissarju tat-Taxxi li jiġġustifika għaliex kienet qiegħda tintalab somma daqshekk kbira bħala taxxa addizzjonali.

34. Il-Kummissarju tat-Taxxi fir-risposta tal-appell tiegħu spjega tajjeb kif fl-Iskeda Ċ tal-L.S.372.14 hemm il-metodu ta' kif tiġi kkalkulata t-taxxa addizzjonali, cioe` bil-1% fix-xahar għaż-żmien li fih l-ammont ta' taxxa jitħallas tard jew ma jitħallasx, u allura dan ifisser li t-taxxa addizzjonali tiġi kkalkulata kull xahar fuq l-ammont li għadu ma tħallasx, u għalhekk fl-aħħar ta' kull sena ikun qed jiġi kkalkulat tnax-il nuqqas. Fil-fatt kif jidher mill-Avviż mertu ta' din il-kawża, fuq l-ammont ta' €1,989 ġiet ikkalkulata taxxa addizzjonali ta' €2,545 li jkopri l-perjodu mill-2006 sa' Settembru 2017, jiġifieri madwar ħdax-il sena.

35. In vista ta' dan għalhekk, anke dan it-tielet aggravju jirriżulta

nfondat.

**Ir-raba' aggravju**

*l-ispejjeż*

36. Finalment l-atturi appellanti jgħidu lil m'għandhomx jiġu allokkati lilhom l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri.

37. Hawnhekk ukoll m'għandhomx raġun. L-Artikolu 223(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. Ladarba l-atturi ma rnexxilhomx iwaqqgħu it-talba għall-ħlas tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-F.S.S. u s-Sigurta` Soċjali huwa xieraq li jħallsu l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri.

**DECIDE:**

38. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata.

39. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb